# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 8 ta' Novembru 2024**

**Nru: 1**

**Rikors Ġuramentat Nru. 496/2022**

## Gordon's Motor Dealer Limited

**v**

## Alberto Angelo Antonio Bassu

**Daħla**

1. Meta l-ħlas, jew parti minnu, għal oġġett mibjugħ għandu jsir bin-nifs, u l-ħlas ma jsirx kif miftiehem, il-bejjiegħ jista' jinforza kuntratt li jgħid li jista' jieħu l-oġġett lura bil-valur tiegħu jitqies li hu ekwivalenti għall-bilanċ ta' prezz mhux imħallas? Din hi l-kwistjoni li tqajjem din il-kawża.

**Il-fatti**

2. Il-konvenut (is-"sur Bassu") xtara mutur mingħand Gordon's Motor Dealer Limited ("Gordon's") għal €5,300: bl-ispejjeż l-ammont total tela' għal €5,345.[1] Il-kuntratt relattiv jidher li ġie ffirmat fit-28 ta' April 2018.[2]

3. Ħallas depożitu ta' €1,900 u għalhekk kien baqa' bilanċ ta' €3,445 li kellu jitħallas fl-ammont ta' €203 kull xahar (inklużi l-interessi).[3]

4. Is-sur Bassu għamel xi pagamenti, iżda wara ftit ma baqax iħallas.[4] Il-bilanċ li Gordon's tgħid li għadu dovut hu €1,612.37. L-ammont totali li jidher li ħallas is-sur Bassu (inklużi interessi) hu ta' €3,930.[5]

5. Gordon's għamlet kuntatt mas-sur Bassu diversi drabi f'attentat biex tiżgura li titħallas. Bagħtet ukoll numru ta' ittri, li għal uħud is-sur Bassu rrisponda mingħajr qatt ma ċaħad li kellu jagħti l-ammont mitlub. Għall-kuntrarju, jidher li wiegħed li ser iħallas iżda - milli jidher għaliex tilef l-impjieg - ma wasalx.[6] Għalhekk fl-2020 intlaħaq ftehim bejn il-partijiet li s-sur Bassu kellu jirritorna l-mutur lil Gordon's, li kellha dritt li żżommu sakemm iħallas: ftehim, in effett, ta' rahan.

6. Is-sur Micallef, rappreżentant ta' Gordon's, spjega li l-mutur għadu fil-pussess ta' Gordon's, iżda hi ma tista' tagħmel xejn bih għaliex għadu reġistrat f'isem is-sur Bassu. Jingħad f'parenteżi li ċ-ċertifikat,[7] maħruġ milll-Awtorità għat-Trasport f'Malta, jgħid li l-persuna li tidher bħala s-sid reġistrat mhix bilfors hi s-sid tal-vettura. Jgħid ukoll, f'kaxxa mħollija għal noti:

> Transfer to be authorised by Transport Malta
>
> Hire Purchase

---

[1] Is-sur Bassu kellu jħallas xi spejjeż dwar it-trasferiment u 'regulation25'.
[2] Dok R -001a, paġna 47
[3] *Ibid.*
[4] Ara affidavit ta' Gordon Micallef, Dok R-001, paġni 44 – 46, u d-dokumenti annessi miegħu.
[5] Depożitu ta' €1,900 u ħlasijiet skond para 5 tal-affidavit ta' Gordon Micallef.
[6] Ara Dok. R-001c u R-001d; u R-001f sa R-001j
[7] Dok R-001e, paġna 51. Iċ-ċertifikat, f'isem is-sur Bassu, jidher li nħareġ fit-30 ta' April 2018.

7. Is-sur Micallef jgħid ukoll li Gordon's ma kellhiex alternattiva ħlief li teżerċita d-dritt skont il-kuntratt li tieħu l-mutur lura. Ir-referenza tiegħu hi għal din il-klawżola:

> Following the failure of two consecutive payments, the buyer will lose the benefit of the monthly payment and the full amount will become due immediately. Unless the balance will be settled in full the seller reserves the right to take back the vehicle – whereby the vehicle will be valued at the cost of the outstanding balance to be paid by the customer.

8. Jgħid għalhekk li billi s-sur Bassu ilu ma jħallas minn Ottubru 2019, Gordon's għandha d-dritt li tinforza din il-klawżola.

**It-talbiet**

9. It-talbiet ta' Gordon's, mibnija fuq in-nuqqas ta' ħlas kif deskritt hawn fuq, huma biex il-qorti:

> i. Tiddikjara illi bħala konsegwenza ta' l-inadempjenza kuntrattwali tiegħu bin-nuqqas ta' pagament ta' aktar minn żewġ pagamenti rateali konsekuttivi, l-intimat tilef il-benefiċċju ta' ħlas mensili u s-soċjeta' esponenti għalhekk għandha d-dritt li tieħu lura l-proprjeta' tal-mutur *de quo* a saldu tal-bilanċ ta'€1612.37, dovut fuq il-premess;
>
> ii. Tornda li konsegwentement għall-ewwel talba, il-mutur għandu jerġa jsir proprjeta' tas-soċjeta' attriċi skond il-ftehim bejn il-partijiet;
>
> iii. Konsegwentement, tordna illi jsir il-bdil u trasferiment fid-dettalji tal-log book tal-mutur in kwistjoni, u dana sabiex l-istess mutur jsejjaħ u jiġi reġistrat f'isem is-soċjeta' esponenti minflok f'isem l-intimat, fi żmien qasir, u tieħu dawk il-provvedimenti kollha li jirdilha opportuni sabiex isir dan it-trasferiment f'isem is-soċjeta' esponenti;
>
> Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 13 ta' Settembru 2019 (Act. Ref. 1887/2019) u 26 ta' Frar 2021 (Act. Ref. 782/2021), u interessi legali, kontra l-intimat, u b'riżerva ta' kull dritt u rimedju ieħor li jista' jkollha s-soċjeta' esponenti.

**Kontumaċja**

10. Is-sur Bassu ma ressaqx difiża u għalhekk ġie dikjarat kontumaċi.[8]

**Analiżi**

11. In kwantu titlob dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' osservanza tal-kuntratt u li l-bilanċ li għadu dovut hu ta' €1,612.37, l-ewwel talba sejra tintlaqa', billi dak allegat ġie ppruvat.

[8] Verbal tas-16 ta' Mejju 2023. Ara ukoll verbal tat-8 ta' Marzu 2024.

12. Iżda in kwantu l-ewwel talba trid li l-qorti tiddikjara li Gordon's għandha d-dritt li tieħu lura l-mutur bi tpaċija kontra l-imsemmi bilanċ u in kwantu t-tieni u t-tielet talbiet huma intiżi biex jagħtu effett lil din il-part tal-ewwel talba, il-qorti dehrilha li dawn jistgħu jqajjmu kwistjoni ta' ordni pubbliku. Għalhekk, il-qorti stiednet lill-partijiet jgħidu jekk il-klawżola imsemmija f'para 7 hix valida in kwantu tħalli lil Gordno's tapproprja l-mutur bil-valur tiegħu jitqies li hu daqs il-bilanċ tal-prezz.[9]

13. Gordon's ressqet nota twila, filwaqt li s-sur Bassu baqa' sieket. Fin-nota tagħha Gordon's ressqet it-teżi ta' dritt miġbura hawn fi ftit kliem, jew fl-inqas kliem li setgħet tuża' l-qorti, mibnija fuq il-premessa li l-kuntratt bejn il-partijiet kien fin-natura ta' *hire-purchase*:[10]

a. Interventi mill-qorti *ex officio* għandhom isiru biss fejn tinqala' kwistjoni ta' ordni pubbliku "f'każijiet di natura eċċezzjonali fuq kunsiderazzjonijiet ta' illegalità pależi jew ta' ordni pubbliku u skond kif tipprovdi l-Liġi stess";[11]

b. Il-qorti qajjmet biss kwistjoni ta' "ċirkostanza li tmur kontra l-ordni pubbliku, u mhux għal potenzjalità ta' projbizzjoni mil-liġi jew kuntrarjetà għall-għemil xieraq";[12]

c. Kwistjoni ta' ordni pubbliku tista' tqum fil-kuntest tal-kawża ta' kuntratt, skond kif imfisser fl-art. 990 tal-Kap. 16; iżda f'dan il-każ ma hemm xejn illeċitu fil-kawża tal-kuntratt kemm jekk wieħed japplika t-teorija klassika tal-kunċett tal-kawża, fejn il-kawża tiġi konfuża mal-oġġett tiegħu; u kif ukoll jekk wieħed iqis il-kawża iktar bħala l-iskop aħħari tal-partijiet.[13]

d. Kundizzjoni kuntrattwali tista' "tkun soġġetta għal *challenge* legali fuq jekk tikkostitwix ksur tal-liġi. Ir-reviżjoni però fuq il-bażi ta' l-ordni pubbliku hija espressament riżervata u diretta mil-Liġi mhux għal kwalsiasi kundizzjoni kuntrattwali imma għal kawża nnifisha tal-kuntratt."[14]

e. Għandha ssir distinzjoni bejn liġijiet għall-ordni pubbliku u ċioé għall-interess ġenerali, u dawk il-liġijiet illi huma hemm għall-interess taċ-ċittadin privat. Il-

---

[9] Ara verbal tal-25 ta' Ġunju 2024.
[10] Ara ġurisprudenza imsemmija f'para 3.25 u 3.26
[11] Para. 3.5 tan-nota. Ara ukoll para. 3.7 u 3.8
[12] Para 3.3 tan-nota
[13] Ara 4/2008 *Peter Paul Said et v Mario Said et,* Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, deċ 24 ta' Lulju 2009
[14] Para 3.18

kuntratt in kwistjoni – wieħed ta' *hire purchase* – ma jqajjem ebda punt ta' interess ġenerali jew pubbliku, kemm il-darba jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali biex ikun jiswa.[15]

f. Il-kundizzjonijiet li dwarhom stiednet sottomissjonijiet il-qorti huma raġonevoli fil-kuntest ta' kuntratt ta' *hire purchase* fid-dawl tal-fatt li l-oġġett tal-kuntratt – mutur - hu mobbli u jiddprezza.[16]

g. *Pacta sunt servanda* – "[t]raddandosi ta' kuntratt ta' bejgħ, ossia *hire purchase,* il-kundizzjonijiet huma f'kull każ imposti fuq xerrej bi dritt, diment li jkun raġjonevoli u legali, u huwa fid-disrezzjoni ta' l-istess xerrej jakk jaċċettahomx jew le."[17] Skont Gordnon's is-sur Bassu qatt ma kkontesta l-kundizzjoni in kwistjoni, lanqas wara li nfetħet il-kawża.[18]

14. Il-kuntratt hu karatterizzat ħażin minn Gordon's. Mhuwiex kuntratt ta' *hire purchase*. Kien bejgħ sempliċi, bil-ħlas tal-prezz bin-nifs, u bil-'garanzija' li hi l-mertu ta' din il-parti tas-sentenza.

15. In-natura tal-kuntratt toħroġ minnu innifsu. Hu msejjaħ 'Agreement of Sale' u jingħad fih li l-motur inbiegħ ('Sold For') għall-prezz miftiehem, li minnu tħallas depożitu. Il-bilanċ, bl-interessi, kellu jitħallas fuq medda ta' żmien, b'pagamenti ta' kull xahar. Ma hemm ebda indikazzjoni ta' kiri segwit minn bejgħ, u ebda riżerva tat-titolu. Veru li d-dokument li bih il-mutur ġie reġistrat mal-awtoritajiet jindika li l-bejgħ kien wieħed ta' *hire purchase,* però dan id-dokument ma biddilx il-kuntratt. Ukoll mhux magħruf kif l-awtoritajiet ingħataw l-informazzjoni li hemm fiċ-ċertifikat, u min tahom dik l-informazzjoni.

16. Gordon's għandha raġun meta tgħid li l-interventi tal-qrati dwar kwistjoniet ta' ordni pubbliku għandhom ikunu l-eċċezzjoni. Iżda dak li tgħid fis-silta riprodotta f'para. 13(d) mhux korrett. L-art. 985 tal-Kap. 12 jiddisponi li anki l-oġġett tal-kuntratt irid jitqies mill-perspettiva (fost oħrajn) ta' ordni pubbliku; u kellu jkun ċar li dan kien l-artikolu li kellha

[15] Para 3.21 tan-nota
[16] Ara ukoll para 4.7 tan-nota
[17] Para 4.4 tan-nota
[18] Fattwalment jidher li hu minnu li s-sur Bassu aċċetta l-kundizzjoni meta sar il-bejgħ. Però d-dikjarazzjoni li qatt ma kkontesta l-klawżola mhix kompletament korretta: ara Dok R-001f, paġni 52 – 53

f'moħħa l-qorti meta għamlet l-istedina għal sottomissjonijiet. Il-kwistjoni, trattata fit-tul fin-nota ta' Gordon's, dwar il-kawża tal-kuntratt hi *red herring.*

17. B'oġġett tal-kuntratt, il-qorti tifhem il-kuntratt ta' garanzija għall-ħlas tal-prezz li kien inkluż fil-kuntratt imsemmi 'Agreement of Sale'. Jista' forsi jsir argument li l-klawżola in kwistjoni hi kundizzjoni tal-bejgħ. Iżda l-bejgħ innifsu ma kienx kondizzjonat, ħlief li ngħad li l-mutur kien qiegħed jinbiegħ fil-kundizzjoni li kien jinstab fiha. Ħlief għal din il-kondizzjoni, it-titolu għadda mal-ftehem. Iżda billi l-prezz ma tħallasx kollu mal-bejgħ, sar ftehim mhux biss dwar kif kellu jitħallas, u dwar l-interessi, imma ukoll dwar kif Gordon's setgħet tinforza l-ħlas. Il-qorti tqis dan il-ftehim bħala kuntratt separat, minkejja li inkluż fl-istess dokument, li permezz tiegħu s-sur Bassu ta' forma ta' garanzija għall-ħlas tal-bilanċ. Il-kwistjoni hi setgħetx tingħata garanzija ta' dan it-tip, fejn Gordon's ingħatat id-dritt li, f'każ ta' nuqqas jew dewmien fil-ħlas skont kif imfisser, tieħu lura t-titolu tal-mutur, bil-valur tiegħu jitqies, għall-finijiet ta' tpaċija, li hu daqs il-bilanċ mhux imħallas.

18. Il-kwistjoni trid titqies fid-dawl ta' dak li l-Prim Imħallef Emeritus Silvio Camilleri kien iħobb jirreferi għalih bħala l-ordinament ġuridiku; jew, fi kliem ieħor, l-istruttura jew l-arkitettura tal-liġi, li minnha jistgħu jew għandhom jiġu misluta l-prinċipju relevanti.

19. L-ordinament rilevanti hawn hu dak dwar il-garanziji għal ħlas, bil-kelma 'garanzija' tintuża hawn fis-sens lajk tagħha, u mhux fis-sens maħsub f'Titolu XX tal-Kap. 16.

20. Il-liġi, b'mod partikolari, iżda mhux esklussiv, il-Kap. 16, tirregola l-għoti ta' garanziji. Ma tħallix kollox f'idejn il-partijiet. Għalkemm hu minnu li l-kuntratt hu l-liġi bejn il-partijiet – jew, kif inħobbu ngħidu, *pacta sunt servanda* - imma dan hu dejjem soġġett għad-dispożizzjonijiet li l-liġi stess tgħid li japplikaw minkejja dak li jista' jingħad f'kuntratt, jew li huma tali li jkun ċar li ma jistgħux jiġu elużi b'kuntrattazzjoni.

21. Il-liġi li tirregola l-garanziji (terminu użat dejjem fis-sens lajk) huma mimlija b'dispożizzjonijiet ta' dan it-tip: dispożizzjonijiet li, meħuda flimkien, joħolqu l-ordinament ġuridiku li għandu jinforma l-kwistjoni li għandha quddiemha l-qorti, preċiżament biex il-qorti tagħraf ma tmurx lil hinn minn dak mistenni minnha meta tqis kwistjoni ta' ordni pubbliku (jew kwistjoni oħra trattata fl-art. 985 tal-Kap. 12).

22. Jekk nieħdu l-kuntratt ta' rahan, insibu li dan jagħti lill-kreditur id-dritt mhux li jżomm il-ħaġa mirhuna b'sodisfazzjoni tad-dejn, imma li jitħallas minn fuq il-ħaġa mirhuna, bi privileġġ.[19] Il-kreditur ma jistax lanqas jiddisponi mir-rahan fin-nuqqas ta' nuqqas ta' ħlas. Jista' minflok jitlob il-bejgħ tal-ħaġa f'irkant taħt is-setgħa tal-qorti.[20] U kull patt (fost oħrajn) li jagħti s-setgħa lill-kreditur li jieħu bi proprjetà r-rahan, jew li jiddisponi minnu mingħajr ma jħares il-proċedura tal-irkant, huwa null.

23. Jekk induru għall-ipoteka, insibu li din tagħti jedd li jiġi kostitwit fuq l-assi tad-debitur jew ta' terz biex jagħmel tajjeb għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.[21] Billi l-kreditur la jkollu l-pussess u lanqas it-titolu għall-assi ipotekati, il-liġi ma fihiex dispozizzjonijiet negattivi simili għal dawk dwar ir-rahan, għaliex mhumiex meħtieġa. Hu mifhum li jekk kreditur irid jinforza irid sentenza u mbagħad jitlob il-bejgħ bl-irkant.

24. Għandha ukoll l-istitut riċenti, imdaħħal fil-Kap. 16 fl-2010, tal-garanzija bi trasferiment ta' titolu. Garanzija ta' din l-għamla hi definita bħala garanzija bi trasferiment ta' titolu li permezz tiegħu d-debitur jittrasferixxi jew jagħti oġġetti mobbli biex tiżgura obbligazzjoni preżenti jew futura lil kreditur.[22] Il-proprjetà tgħaddi għand il-kreditur.[23] Minkejja dan, għaliex il-proprjetà b'garanzija, il-kreditur jista' jitlob il-bejgħ bl-irkant tal-oġġetti trasferiti lilu.[24]

25. Il-partijiet għandhom libertà ampja fil-kuntrattazzjoni,[25] inkluż fir-rigward tal-infurzar tad-drittijiet tal-kreditur.[26] B'mod partikolari jista' anki japproprja l-proprjetà jew billi jbiegħha jew bi tpaċija, jekk din tkun espressament miftiehma.[27] U meta ssir tpaċija għandu japplika l-valur tal-oġġetti kontra l-obbligazzjonijiet garantiti.[28]

---

[19] Art. 1966(1) tal-Kap. 16
[20] Art. 1970(1) tal-Kap. 16. Kif rajna, Gordon's ingħata rahan tal-mutur wara l-bejgħ. Hu kemxejn stramb li Gordon's ma mxietx skont l-art. 1970 tal-Kap. 16 minflok b'din il-kawża.
[21] Art. 2011(1) tal-Kap. 16
[22] Art. 2095F(1) tal-Kap. 16. Hemm aspetti tad-definizzjoni li ma ġew inklużi għaliex mhumiex relevanti.
[23] Art. 2095F(2), (10) u (11) tal-Kap. 16
[24] Art. 2095G(5) tal-Kap. 16
[25] Art. 2095F(4) tal-Kap. 16
[26] Art. 2095G tal-Kap. 16
[27] Art. 2095G(2) u (3) tal-Kap. 16
[28] Art. 2095G(2)(b) tal-Kap. 16

26. Iżda minkejja li l-kreditur jista’ jingħata dawn id-drittijiet estensivi, hu obbligat li jeżerċitahom

> “b’mod kummerċjalment raġonevoli u għandu jkun marbut b’obbligi fiduċjarji f’dak ir-rigward u jkollu l-obbligu li jagħti rendikont lid-debitur dwar il-valur użat għal dak l-infurzar.”[29]

27. Il-liġi ma tgħidx espressament, kif tagħmel drabi oħra, li l-kreditur u d-debitur ma jistgħux jeskludu dawn l-obbligi fuq il-kreditur. Iżda hu ċar minn kif inhu miktub is-subartikolu u anki mill-kuntest, li dawn l-obbligi huma tassattivi u li l-partijiet ma jistgħux jeskluduhom.

28. Minn dawn id-dispożizzjonijiet u oħrajn hu ċar li l-liġi ma tagħtix libertà sħiħa lill-partijiet fir-rigward ta’ garanziji għal dejn.[30] Tiżgura - għall-interess ġenerali - li kreditur ma jingħatax, jew aħjar ma jieħux, drittijiet li jagħtuh is-saħħa li, sakemm jitħallas hu, l-interessi tad-debitur u ta’ terzi (fosthom kredituri oħra tad-debitur) jiġi skartati. Dan hu dak li jista’ jiġri jekk kreditur jingħata d-dritt li jagħmel tiegħu l-oġġett in kwistjoni u jpaċih kontra d-dejn; u iktar u iktar jekk il-valur attribwit lill-oġġett għall-finijiet tat-tpaċija jitqies ekwivalenti għad-dejn mhux imħallas.

29. B’mod ġenerali l-liġi trid li l-infurzar isir permezz ta’ bejgħ b’irkant, bil-għan prinċipali li jinġieb l-aħjar prezz għall-oġġett, b’mod li jitħallas il-kreditur u biex, jekk ikun hemm, il-valur żejjed jibqa’ parti mill-partrimonju tad-debitur. Fil-każ pjuttost eċċezzjonali tal-garanzija bi trasferiment ta’ titolu, il-liġi tippermetti kemm l-approprjazzjoni tal-oġġetti u kif ukoll it-tpaċija. Iżda toħloq bilanċ favur id-debitur u favur terzi billi tgħid li l-kreditur għandu tliet obbligi: (i) li jaġixxi b’mod raġonevoli kummerċjalment u (ii) li jimxi bħala fiduċjarju, jiġifieri li jpoġġi l-interessi ta’ terzi (id-debitur u l-kredituri l-oħra tiegħu) qabel tiegħu; u (iii) li jagħti rendikont tal-valur applikat.

30. Dan ifisser, fil-fehma tal-qorti, li kuntratt *sui generis* dwar garanzija li ma jaqax fil-parametri ta’ l-istitituti ta’ garanzija magħrufa mill-liġi irid, biex ma jkunx milqut minn

[29] Art. 2095G(4) tal-Kap. 16

[30] Ara Sub-Titolu V tal-Kap. 12 li jippermetti l-bejgħ ta’ bastimenti i inġenji tal-ajru bil-mezz ta’ bejgħ privat imma taħt is-superviżjoni tal-qorti biex jiġi żgurat prezz tas-suq.

problema ta' ksur ta' ordni pubbliku (fost oħrajn possibli),[31] isegwi ta' l-anqas il-prinċipji bażiċi li (i) kreditur ma jistax, ħlief bis-saħħa ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, jagħmel tiegħu l-oġġett mogħti b'garanzija għal finijiet ta' tpaċija; u (ii) anki jekk tista' ssir tpaċija, il-valur użat għall-finijiet tagħha jrid ikun valur li, kemm jista' jkun, jqarreb lejn dak tas-suq, jew almenu li jkun oġġettivament stabbilit, u ma jkunx tali li jiżgura biss il-ħlas tad-dejn fejn hemm, jew jista' jkun hemm, valur addizzjonali.[32]

31. Billi it-tieni sentenza tal-klawżola in kwistjoni ma tissodisfax dawn iż-żewġ prinċipji, il-qorti tqis, skont l-art. 985 tal-Kap 12, li ma tiswiex.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddikjara li minħabba fl-inadempjenza kuntrattwali tiegħu bin-nuqqas ta' pagament ta' aktar minn żewġ pagamenti rateali konsekuttivi, is-sur Bassu tilef il-benefiċċju ta' ħlas mensili u Gordon's għandha dritt titħallas mingħandu l-bilanċ ta'€1,612.37. Tiċħad il-bqija tal-ewwel talba; u tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet.

L-ispejjeż jħallashom is-sur Bassu.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

31 Pereżempju kondizzjonijiet li jistgħu jitqiesu inġusti fil-kuntest ta' kuntratt ma konsumatur.

32 Dan il-punt mhux imxejjen b'dak li tgħid Gordon's dwar in-natura mobbli ta' l-oġġett u d-deprezzament tiegħu. Il-kwistjoni tan-natura mobbli hi pjuttost irrilevanti. Dwar id-deprezzament, jista' jkun, bħala fatt, li l-valur tal-mobbli ma jeċċedix il-bilanċ. Imma jista' jkun mod ieħor. Li trid il-liġi hi xi forma ta' determinazzjoni oġġettiva, u protezzjoni għall-patrimonju tad-debitur, f'każ li hemm valur iktar mill-bilanċ. Dan ma jistax jitħalla f'idejn il-kreditur.